TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Decizjoni Nru. 71

Kaz Nru. 85

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
is-Sur John Dimech
u
l-Wisq Revdu. Dun Lawrence Cachia,
Lic.D., Arcipriet ta' Haz-Zebbug.

Data : 26 ta' Settembru 1980.

Chairman : C.J. Mallia

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal fil-25 ta' Marzu, 1980, mill-Ministru tax-Xoghol, Kultura u Ghajnuna Socjali, taht id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 28 (2) ta' l-Att ta' l-1976 dwar Relazzjonijiet Industrijali, fuq talba li kien ghamel is-Sur John Dimech fit-8 ta' Dicembru, 1979.

2. Il-partijiet. Is-Sur John Dimech kien assistit mis-Sur Noel Scerri, fil-waqt li l-Arcipriet Lawrence Cachia ipprezenta hu stess il-kaz tieghu. It-Tribunal accerta li l-Arcipriet kellu l-permess ta' l-E.T. Monsinjur Arcisqof biex jipprezenta dan il-kaz quddiem it-Tribunal.

3. Smiegh u Xhieda. Biex instemgha l-kaz inzammu erbgha seduti, li matulhom instemghet ukoll ix-xhieda ta' dawn is-sinjuri hawn taht imsemmijin:

Imsejjhin mill-applikant, Mr Dimech

Dr. Philip Sciberras, LL.D.
Dr. Joseph Vella, M.D.
Is-Sur John Dimech innifsu.

/2. .....

Imsejjhin mill-Arcipriet

Revdu. Dun Philip Gatt
Is-Sur Carmelo Bonnici
Is-Sur Emanuel Chircop
Is-Sur Pasquale Briffa
Is-Sur Philip Zammit.

4. Il-kaz. Is-Sur John Dimech kien gie mahtur bhala Sagristan, fil-Knisja Arcipretali ta' San Filep f'Haz-Zebbug, fi Frar ta' l-1962, ghal zmien indefinit. Minn dan l-impieg huwa gie mkecci fid-19 ta' Settembru, 1979, u billi huwa hass li dik it-tkeccija ma kienetx gusta huwa irrikorra quddiem dan it-Tribunal taht l-Att Nru. XXX ta' l-1976.

5. It-tezi rispettivi tal-partijiet.

(a) L-applikant Mr John Dimech issottometta li hu kien ilu 17 il-sena Sagristan f'dik il-Knisja, u qabel kien anke jaghmel xi xoghol fl-istess knisja ghal seba' snin ohra. Ghal festa tad-Duluri tas-sena 1979 huwa kien ma jiflahx ghal li strapazz, u gieb certifikat mediku. Wara dan, qal is-Sur Dimech, l-Arcipriet, minghajr ebda raguni valida u minghajr ebda gustifikazzjoni, keccieh.

(b) L-Arcipriet pogga kaz wisq inqas semplici. Huwa qal li minn certu zmien l'hawn il-Knisja Arcipretali ta' San Filep kienet timpjega zewg Sagristani li jaqsmu x-xoghol bejniethom fuq dak li huwa sejjah sistema ta' kwazi xift. Is-Sur Dimech u s-Sagristan siehbu kienu jahdmu xift ta' nofs ta' nhar kull wiehed, u kienu jalternaw gimgha filghodu u gimgha filghaxija. Billi dan l-arrangament kien ihalli nofs ta' nhar shih liberu, s-Sur Dimech kien jahdem ukoll bhala self-employed fis-sengha ta' bajjad, u kien jaghmel ukoll xoghol ta' plumber u xogholijiet ohra konnessi ma' bini. L-Arcipriet allega li dan irrizulta f'negligenza

/3. .....

fit-tindif, fl-armar, fil-gbir, fit-thejjija ghall-quddies, fid-daqq tal-qniepen, u fil-ftuh tal-knisja; kif irrizulta wkoll f'nuqqas ta' responsabbilta' u arroganza. Dwar dan kollu,qal l-Arcipriet, kif ukoll dwar skartar fil-hin tax-xoghol, inghataw twissijiet. Il-gimgha mill-10 sal-15 ta' Settembru, 1979, kienet il-gimgha tal-Festa tad-Duluri, u nuqqasijiet da parti ta' Mr Dimech dwar il-festa kif ukoll dwar funerali kienu, skond l-Arcipriet, il-qatra li fawwret il-garra. Kien hemm ukoll, fil-Festa tad-Duluri proprja, il-Hadd 16 ta' Settembru, l-incident tas-Salib. F'dan l-incident Mr. Dimech, bi spalltu x-xellugija nfjammata, gieb certifikat mediku, qal li ma setax jerfa' s-salib, ipprova jsib lil haddiehor u ma sabx, u rrifjuta li jerfa' anke s-Salib il-hafif, li wara garru abbati. (It-Tribunal ivverifika li s-Salib jingarr fuq cinga li titpogga jew ma dwar l-ghonq, jew fuq l-ispalla tax-xulleg jew tal-lemin. Skond l-anatomija u l-muskolatura umana, dawn it-tlett posizzjonijiet kollha jaffettwaw l-ispalla x-xellugija.) Dan kollu, qal l-Arcipriet, wasslu biex kellu jkecci lil Mr Dimech.

6. <u>Kondizzjonijiet tax-xoghol</u>. L-Arcipriet esebixxa dokument, datat 1 ta' Frar, 1973, li huwa hareg liz-zewg Sagristani, bil-kundizzjonijiet tax-xoghol, biex jirregolaw l-impieg taghhom fuq sistema ta' kwazi xift. Fost hwejjeg ohra, ta' min jinnota specjalment il-paragrafu 4 ta' dan id-dokument, li jghid:

> "Ebda Sagristan ma jista' jwarrab mill-Knisja, anqas ghal ftit, minghajr permess ta' l-Arcipriet, u jekk iwarrab jigi mkecci."

Dawn il-kundizzjonijiet tax-xoghol bil-miktub Mr Dimech qal fix-xhieda tieghu li hu ma accettahomx, imma accetta

/4. .....

li hu kellu ftehim bil-kliem. Fil-waqt li dan il-punt jerga' jissemma izjed tard fix-xhieda tas-Sagristan l-iehor, jista' wiehed jirrimarka minn issa li ma hemmx differenza materjali bejn li wiehed kellu ftehim bil-kliem jew bil-miktub. Anke meta ma giex pruvat li s-Sur Dimech qatt iffirma dawk il-kundizzjonijiet miktuba ta' l-1 ta' Frar, 1973, jibqa' l-fatt li hu hadem taht ix-xift system, bil-hinijiet, it-taqsim ta' duties u tal-knisja, is-salarju, u l-obbligi l-ohra, u ghalhekk mhux eskluz ukoll il-paragrafu 4 dwar tkeccija jekk wiehed iwarrab bla permess.

7. <u>Ix-xhieda</u>. (1) Mix-xhieda li gieb l-applikant is-Sur Dimech

(a) <u>L-Avukat Philip Sciberras</u> qal li hu abbozza l-ittra li Mr Dimech iffirma biex dan il-process beda.

(b) <u>It-Tabib Jos. Vella</u> ikkonferma c-certifikat li hu kien hareg lil Mr Dimech fis-16 ta' Settembru, 1979, li juri li kien hemm infjammazzjoni tad-driegh ix-xellugija, u ghalhekk Mr. Dimech ma setghax jerfa' pizijiet tqal. Ma ntqal xejn dwar biex giet dik l-infjamazzjoni.

(c) <u>Is-Sur John Dimech</u> innifsu xehed insistentement li hu qatt ma rcieva twissijiet, la bil-kliem u anqas bil-miktub.

(2) Nigu issa ghax-xhieda li gieb il-Wisq Revdu. Arcipriet Cachia:

/5. .....

(d) Ir-Revdu. Dun Philip Gatt xehed li aktar minn darba l-knisja nfethet minn bin is-Sagristan Dimech, u xi drabi minn martu, u li Mr Dimech gie li tfacca siegha u nofs tard. Spiss kien jonqos nofs ta' nhar shih. Hu (Fr Gatt) rah rieqed fil-kor. Kien jaqbez hafna gbir. Xehed ukoll, Fr Gatt, li Mr Dimech spiss kien gie mwissi mill-Arcipriet quddiemu.

(e) Is-Sur Carmelo Bonnici, Sagristan bil-pensjoni li baqgha midhla tal-Knisja, xehed l-istess hwejjeg dwar ftuh, gbir, u twissijiet.

(f) Is-Sur Emanuel Chircop, is-Sagristan l-iehor (ghal dawn l-ahhar seba' snin) ikkonferma l-istess hwejjeg dwar ftuh u twissijiet. Huwa zied jghid li n-nisa helpers kienu jgorru ghal hmieg zejjed fil-parti tal-Knisja li taghha kien responsabbli Mr. Dimech. Is-Sur Chircop qal li huma kienu inghataw kundizzjonijiet bil-miktub, li fihom il-paragrafu 4 kien specifikatament jipprojbixxi twarrib bla permess. Huma kienu jithallsu ghal twarrib bil-permess jew ghal mard.

(g) Is-Sur Pasquale Briffa, helper tal-Knisja, spiss ma kienx isib xejn lest ghall-quddies.

(h) Is-Sur Philip Zammit kien ilu jiehu hsieb il-Festa tad-Duluri ghal dawn l-ahhar 40 sena. Huwa lmenta li qatt ma sab ghajnuna shiha minn ghand is-Sur Dimech.

8. Il-hin liberu. Il-hin liberu, li jkun jippermetti certu impieg bhal dan ta' Sagristan bix-xift, ismu mieghu. Huwa liberu biex wiehed bih u fih jaghmel li jrid, basta dak li jaghmel ma jkunx projbit b'xi ligi jew regolament.

Imma anke fil-hin liberu tieghu wiehed ma ghandux jaghmel xoghol iehor li b'xi mod ifixkillhu x-xoghol principali tieghu. Ghalhekk ma ghandux jaghmel xoghol iehor li jirrendih ghajjien, jew nervuz, jew imwegggha, u b'hekk ifixxkillhu x-xoghol principali li ghalih huwa marbut u mhallas. Kif gustament osserva s-Sur Dimech, huwa dover ta' kull paterfamilias li jiehu d-dar il-qliegh kollu possibbli ghall-ghajxien tal-familja. Imma dan ma ghandux isir a skapitu tax-xoghol principali tieghu.

9. L-impieg huwa sagru. Kif jaf sewwa min segwa decizjonijiet imghoddija ta' dan it-Tribunal, hawn gie ripetutament ritenut li l-impieg huwa ghajxien u ghalhekk huwa sagru. Ghalhekk ma jistax jigi mtemm minghajr raguni serja u bizzejjed, u anke dan isir biss wara twissijiet xierqa. Izda, ghal dik li hi s-sagrezza ta' l-impieg, ebda mpieg ma hu sagru biex ma jtemmux ghal xejn l-employer jekk qabel u dejjem ma jkunx jghozzhu kif jixraq l-impjegat. Ma nistax nittraskura u imbaghad nippretendi li ma nistax nitkecca ghax l-impieg huwa sagru.

10. Konkluzjonijiet. Mill-kompless tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet, it-Tribunal ihoss ruhu sodisfatt

(1) li s-Sur John Dimech fil-fatt ghamel in-nuqqasijiet imputati lilu mill-Arcipriet skond il-para. 5 (b) hawn fuq;

(2) li l-istess Sur Dimech kien jaf bizzejjed bil-kundizzjonijiet tax-xoghol tieghu, avolja ma ffirmax dak id-dokument miktub ta' l-l ta' Frar, 1973;

(3) li ghalhekk huwa kien jaf sew li twarrib mill-Knisja bla permess kien jinvolvi tkeccija, u b'dana kollu kien iwarrab jew jonqos jew jittardja spiss; u

(4) li kienu gew debitament moghtija lis-Sur Dimech mill-Arcipriet it-twissijiet xierqa u li l-para. 4 tal-kundizzjonijiet tax-xoghol datati 1 ta' Frar, 1973, kien fih innifsu twissija qawwija, formali, miktuba.

11. AWARD. Fid-dawl ta' dan kollu, it-Tribunal ma jsibx li t-tkeccija tas-Sur John Dimech minn Sagristan fil-Knisja Arcipretali ta' Haz-Zebbug kienet ingusta, u b'hekk jaghlaq din il-kwistjoni tax-xoghol.

C.J. Mallia
Chairman

A. Bartolo Parnis
Segretarju

26 ta' Settembru 1980

em